19.10.2010

B7-0572/2010 }
B7-0573/2010 }
B7-0579/2010 }
B7-0580/2010 }
B7-0581/2010 }
B7-0582/2010 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Elmar Brok, Monica Luisa Macovei, Cristian Dan Preda**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Riformi implimentati u żviluppi fir-Repubblika tal-Moldova

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq evalwazzjoni tal-ftehim fis-seħħ tal-faċilitazzjoni tal-viżi, biex tersaq lejn ftehim mgħaġġel dwar il-pjan direzzjonali formali għal-liberalizzazzjoni tal-viżi u biex toffri appoġġ u għajnuna mmirati għall-awtoritajiet tal-Moldova biex jilħqu l-limiti neċessarji għal vjaġġar sħiħ mingħajr viżi;*** jitlob lill-Kunsill biex jistieden lill-Kummissjoni tipproċedi ħalli tiżviluppa ***l-pjan*** direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viżi, b'hekk tidħol fil-fażi għal kollox operattiva tad-djalogu dwar il-viżi bbażat fuq il-progress tar-Repubblika tal-Moldova wara taħditiet esploratorji dwar l-erba' blokok tad-djalogu dwar il-viżi; | 3. ***Jitlob*** lill-Kunsill biex jistieden lill-Kummissjoni tipproċedi ħalli tiżviluppa ***ta' malajr il-pjan*** direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viżi ***fil-laqgħa tiegħu li jmiss fil-25 ta' Ottubru 2010***, b'hekk tidħol fil-fażi għal kollox operattiva tad-djalogu dwar il-viżi bbażat fuq il-progress tar-Repubblika tal-Moldova wara taħditiet esploratorji dwar l-erba' blokok tad-djalogu dwar il-viżi; |

Or. en

19.10.2010

B7-0572/2010 }
B7-0573/2010 }
B7-0579/2010 }
B7-0580/2010 }
B7-0581/2010 }
B7-0582/2010 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Elmar Brok, Monica Luisa Macovei, Cristian Dan Preda**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Riformi implimentati u żviluppi fir-Repubblika tal-Moldova

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jirrikonoxxi t-titjib fl-ambjent tan-negozju u l-qafas regolatorju tal-attività intraprenditorjali bħala miżura ewlenija biex jitħeġġu l-ivestimenti, u jesprimi l-kunfidenza tiegħu li n-negozjati dwar iż-Żona tal-Kummerċ Ħieles mal-UE, bħala parti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, se jimxu ta' malajr 'il quddiem;*** |

Or. en